MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-26 ta' April, 2013

Mandat Numru. 276/2013/1

**Honeycomb Services Limited**
**(C18579)**

***kontra***

**Ruben Caruana**
**278065(M) u**
**Nadette Bugeja 1186267(M)**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors li l-kumpannija rikorrenti pprezentat fis-27 ta` Frar 2013, u li kien ikkonfermat bil-gurament minn Jesmond Bondin, fejn din il-Qorti kienet mitluba sabiex izzomm lill-intimati milli –

*Jbieghu u/jew jittrasferixxu jew jikkoncedu taht kwalunkwe titolu jew b`kull mod iehor ighabbu bi kwalunkwe piz u/jew ibieghu jew jittrasferixxu jew*
*jikkoncedu taht kwalunkwe titolu kwalsiasi dritt reali u/jew personali :- 1) ishma fis-socjeta` Malta Fairs & Conventions Centre Limited (C-39678).*

Rat illi r-rikorrenti ressqet din it-talba sabiex tikkawtela kreditu ta` €63,000 wara self *brevi manu* li tat lill-intimati skond kuntratt tal-1 ta` Gunju 2009.

Rat id-digriet taghha tas-27 ta` Frar 2013 fejn laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, fejn ordnat in-notifika tal-atti lill-intimati bi zmien ghaxart (10) ijiem ghar-risposta u fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar il-Hamis 14 ta` Marzu 2013 fid-9.00 a.m.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-14 ta` Marzu 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-26 ta` Marzu 2013 fejn wara li kkostatat illi l-intimati kienu ghadhom mhux notifikati, din il-Qorti ordnat in-notifika skond l-Art 187(3) tal-Kap 12.

Rat abbazi tal-atti akkwiziti illi a tenur tal-Art 187(3) tal-Kap 12 lahqet saret biss il-procedura tal-affissjoni.

Rat ir-risposta li l-intimata pprezentat fit-2 ta` April 2013.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-23 ta` April 2013.

Rat illi f`dik l-udjenza l-intimat Ruben Caruana ddikjara li ghalkemm kien notifikat ma pprezentax risposta peress illi l-ammont pretiz mir-rikorrenti kien dovut.

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat ir-rikorrenti fl-udjenza msemmija.

Semghet sottomissjonijiet fl-istess udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors ghal provvediment *in camera*.

**Ikkunsidrat** :

Riferibbilment ghall-ewwel paragrafu tar-risposta ta` Nadette Bugeja, huwa evidenti illi r-rikorrenti istitwiet il-procediment tal-lum mhux abbazi tal-Art 873 tal-Kap 12 izda abbazi tal-**Art 874(1) tal-Kap 12** li jaqra hekk –

*Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab* ***ukoll*** *minn kreditur biex jizgura dejn, jew kull pretensjoni ohra li tkun tammonta ghal mhux inqas minn hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex izomm lid-debitur milli jbigh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tigi indikata fir-rikors b'titolu oneruz jew gratuwitu jew b'xi mod johloq piz jew drittijiet reali u, jew personali; izda dak il-mandat ma jghoddx ghall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skond ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.* (enfasi u sottolinear ta` din il-qorti)

Il-kreditu attwali tar-rikorrenti kontra l-intimati jammonta ghal €63,000 u ghalhekk jaqa` fil-parametri tal-Art 874(1) tal-Kap 12. Il-kreditu originali tar-rikorrenti kontra l-intimati twieled mill-iskrittura Dok HS1.

Riferibbilment ghat-tieni paragrafu tar-risposta ta` Nadette Bugeja, din il-Qorti tirrileva illi r-rikorrenti ghandha kull jedd tikkawtela l-kreditu taghha skond il-ligi, u bil-modalita` l-aktar idoneja u effettiva ghad-disposizzjoni taghha.

Nonostante dak asserit minn Nadette Bugeja, l-istess Nadette Bugeja ma tat l-ebda indikazzjoni ta` xi mod iehor kif ir-rikorrenti setghet tikkawtela l-pretensjoni taghha.

Kwindi huwa ghal kollox legittimu ghar-rikorrenti li tikkawtela l-kreditu taghha fl-ambitu ta` dak lilha konsentit mil-ligi.

Riferibbilment ghat-tielet paragrafu tar-risposta ta` Nadette Bugeja, din il-Qorti tirrileva illi mhuwiex kompitu taghha li tidhol fil-mertu tal-kwistjoni li qeghda tigi sollevata mill-intimata. Il-mertu jrid jigi trattat u deciz fil-kawza li trid issegwi l-procediment tal-lum. Kemm tqis biss illi l-pretensjoni tar-rikorrenti ssib sostenn *prima facie* mhux biss fl-iskrittura Dok HS1 izda anke fl-ammissjoni tal-kreditu da parti tal-intimat l-iehor Ruben Caruana, li jigi r-ragel tal-intimata Nadette Bugeja.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti tghid illi l-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni huwa gustifikat anke ghaliex fit-talba tar-rikorrenti hemm sodisfatti r-rekwiziti ta` l-Art.874 tal-Kap.12.

**Ghar-ragunijiet fuq premessi, din il-Qorti qeghda :**

**1) Tilqa’ t-talba tar-rikorrenti.**

**2) Tordna l-hrug ta` Mandat ta’ Inibizzjoni kontra l-intimati sabiex la tbieghu, la jnehhu, la tittrasferixxu, la jiddisponu *inter vivos* sew b`titolu oneruz jew gratuwitu, la jikkoncedu taht kwalunkwe titolu reali jew personali, u wisq anqas ighabbu bi kwalunkwe piz l-ishma kollha illi jippossjedu fis-socjeta` kummercjali Malta Fairs & Conventions Centre Limited (C-39678).**

**3) Tordna n-notifika ta` dan id-digriet lir-Registratur tal-Kumpanniji**

**4) Tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-procediment, inkluzi dawk tan-notifika lir-Registratur tal-Kumpanniji skond l-Art.874(6) tal-Kap 12.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------